MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# It-Tmien Legislatura

# Laqgħa Numru 03

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u ghoxrin ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

### 03.1  Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija.

### 03.2  Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Nru 02(08) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**<u>Punti mqajma mill-Minuti</u>**

03.2.1 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li l-bins tal-bring in sites ser jinbidlu kollha billi ser jitkabbru u li l-kuntrattur kien inbidel. Is-Sur Boxall zied jghid li hekk kif issir il-bdil tal-bins, il-Kunsill jiffirma l-kuntratt mall-Green MT.

03.2.2 Dwar dan, is-Sur Trevor Mizzi propona sabiex jizdiedu l-bins fil-pjazza matul il-granet tal-festa. Is-Sur Boxall talab sabiex tinkiteb ittra lis-Sur Deguara mill-Cleansing Division. Is-Sindku zied jghid li ser tintbghat ittra lill-Ministru Deo Debatista, sabiex il-Kunsil jitlob ghall-haddiema tal-Cleansing ghal matul il-granet tal-festa.

03.2.3 Is-Sur Christopher Cassar propona sabiex ghal matul il-European Week for Waste Reduction, il-Kunsill jaghmel elf basket ta` drapp, li fuqu jinkitbu sitt punti l-aktar fundamentali relatati mall-waste reduction. Dawn il-basktijiet jitqassmu f`kull dar sabiex jintuzaw ghax-xiri u jigi evitat li jintuzaw boroz tal-plastik jew tal-karti.

Is-Sur Boxall zied jghid li l-Kunsill qed jixtri wkoll bankijiet ghall-barra li huma maghmulin minn plastic irriciklat.

03.2.4 Dwar l-inizjattiva tal-Pink October, il-kunsillier Jason Portelli ppropona li tinxtara l-gelatina u tinqata` skond ir-riflettur. Is-Sur Portelli ser jiehu hsieb li jgib il-kwotazzjonijiet biex tinxtara romblu gelatina.

03.2.5 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li l-plakka ta` Alf Mizzi & Sons twahlet fl-iskola primarja.

03.2.6 Is-Sindku nforma lil dak prezenti li l-perit Zerafa Boffa nforma lill-Kunsill li ix-xoghlijiet fil-bandli mill-haddiema tal-gvern ser jitkomplew fil-granet li gejjin.

**03.3 Korrispondenza**

03.3.1 Giet diskussa l-ittra li l-Kunsill ircieva minghand Transport Malta dwar iz-zebra crossing li giet proponuta li ssir fi Triq Desain biswiet il-Kazin tan-Nazzjonalisti minhabba l-permess tal-mwejjed u siggijiet. Is-Sur John Boxall spjega li dak propunut minn Transport Malta ser ikun ta` detriment.

Wara li l-Kunsill iddiskuta fit-tul din il-korrispondenza relatata mall-permess ta` mwejjed u siggijiet biswiet il-Kazin Nazzjonalista fi Triq Desain u b`kopja ta` ittra elettronika li giet prezentata lill-Kunsill mill-kunsillier Anton Gellel, fejn fl-imsemmija korrispondenza hemm klawsola b`mistoqsija jekk il-Kunsill Lokali tal-Birgu jafx b`din is-sitwazzjoni. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu b`vot unanimu minn dawk prezenti qabel fuq il-parir li nghata lilu f`din il-korrispondenza stampata li ssir zebra crossing.

03.3.2 Il-Kunsill gie nfurmat mis-Surptendent tal-Pulizija sabiex il-gabbani tal-festa ta` San Lawrenz jibdew jarmaw minn fejn tibda l-gabbana tal-injam u ma jibqghux jarmaw aktar biswiet u mad-dawra tal-munument tal-Helsien.

03.3.3 Il-Kunsill approva l-attivitajiet kollha li ser jigu organizzati mill-Kumitat Sezzjoni Zghazagh Palmizi matul il-granet tal-festa ta` San Lawrenz.

03.3.4 Prezentata ittra li l-Kunsill ircieva mill-qorti dwar il-kaz li l-Kunsill Lokali tal-Birgu kellhu kontra is-Socjeta Muzikali San Lawrenz.

03.3.5 Gie prezentat l-overtime tal-haddiema klerikali ghax-xahar ta` Gunju 2019, fejn dan gie approvat unanimament.

**03.4 Jum il-Birgu 2019**

Il-Kunsill ivota s-somma ta` elfejn ewro (€2000) sabiex isiru l-attivitajiet bhala parti mic-celebrazzjonijiet ta` Jum il-Birgu 2019.

Is-Sindku, s-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li l-attivitajiet ta` Jum il-Birgu ser jibdew il-Gimgha 30 t`Awwissu fejn ser ssir harga ghal kulhadd gewwa Ghawdex ghal festa tal-Ghajnsielem.

It-Tnejn 2 ta` Settembru, ser tigi organizzata harga ghall-anzjani gewwa l-Palazz ta` Sant`Anton. It-Tlieta 3 ta` Settembru ser ssir zjara lill-Kumitat Prince of Wales Own u l-Erbgha 4 ta` Settembru ser ssir zjara lill-Kumitat Socjeta Muzikali San Lawrenz.

Il-Hamis 5 ta` Settembru ser titella esebizzjoni ta` dghajjes gewwa l-Intrata tal-Berga ta` Franza. Din l-esebizzjoni ser tibqa miftuha sal-Hadd 8 ta` Settembru 2019. Il-Gimgha filghodu ser tigi organizzata attivita ghat-tfal u nhar Jum il-Birgu 7 ta` Settembru ser ssir quddiesa u wara ser ssir ic-cerimonja tal-okazzjoni. Is-Sur Christopher propona sabiex ic-cerimonja ta` Jum il-Birgu ssir fuq iz-zuntier tal-Knisja ta` San Lawrenz, dwar dan il-proponiment is-Sur Anton Gellel ma qabilx. Gie deciz li c-cerimonja ssir fuq iz-zuntier.

Is-Sur John Boxall propona sabiex id-diskors ta` Jum il-Birgu ssir mis-Sur Charles Camenzuli u s-Sur Cassar propona lis-Sur Lawrence Ellul. Dawk prezenti qablu li jigi avvicinat is-Sur Camenzuli.

Is-Sur Christopher Cassar propona li l-Kunsill javvicina lill-kantanta Nicole Frendo biex tkanta matul ic-cerimonja. Dawk prezenti talbu lis-Sur Cassar biex igib kwotazzjoni.

Dwar lil min ghandu jinghata Gieh il-Birgu 2019, is-Sur Boxall propona lis-Sur Melvin Attard, ex-kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sur Cassar propona lis-Sur Oliver Scicluna. Is-Sur Boxall talab lill-membri l-ohra tal-Kunsill jaghtu proponiment taghhom. Gie deciz li din tigi diskussa fil-laqgha li jmiss sabiex tittiehed id-decizjoni finali.

Is-Sur Boxall propona sabiex ghal dakinhar ta` cerimonja l-Kunsill jistieden lis-Sindki tal-Kottonera u l-Kalkara sabiex jaghmlu diskors zghir tal-okazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku propona sabiex issir kuruna wahda mill-Kunsill ghan-nom tal-ghaqdiet u kuruna mill-Kunsilli tal-Kottonera u l-Kalkara. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

19:00hr Is-Sindku talab sabiex tittiehed pawsa qasira ta` ghaxar minuti.

19:10hr is-Sur Christopher Cassar talab li jigi skuzat

19:36hr Is-Sur Trevor Mizzi talab li jigi skuzat

**03.5 Birgufest 2019**

Dan l-item ma giex diskuss

**03.6 Tlugh tal-bandiera tal-Birgu kull nhar ta` Hadd, festi kmandati/pubblici u okkazzjonijiet**

Dan l-item ma giex diskuss

**03.7 Progetti Pendenti**

**03.8 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

03.8.1 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti b`diversi ilmenti li wasslu ghand l-istess Kunsill dwar l-attivitjiet li saru f`Salle Porte. Is-Sur Boxall zied jghid li din saret minghajr il-permess tal-Kunsill u kif ukoll tmissew xi rifletturi tas-swar u nghalqet it-triq.

03.8.2 Is-Sur Jason Portelli ghamel referenza ghall-iskart li qed jitpogga fi Triq San Dwardu, fejn talab sabiex titwahhal tabella.

03.8.3 Is-Sur Anton Gellel talab sabiex jinzebagh il-hadid tal-munument tal-Vitorja. Is-Sur Gellel talab ukoll sabiex issir iz-zbir tas-sigar ta` quddiem il-Bakery. Is-Sur Boxall talab sabiex jekk hux possibli li l-gym equipment li hemm fil-Berga tal-Ingliterra jibda jintuza mill-anzjani tal-lokal.

**03.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4912 sa` BOV 4945 fejn cekkijiet numru 4928 u 4932 gew ikkancellati. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 9 ta` Lulju sat-23 ta` Lulju 2019.

**03.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8.00pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 29 ta` Lulju 2019 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum it-Tlieta 24 ta` Settembru 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |